# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' April 2000**

Avviz Nru. 118/98

Maltacom plc

-vs-

Kenneth Cardona

Il-Qorti;

Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici Maltacom plc s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm125.75) ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 562931 (C/N 1009003) liema servizz gie installat fil-fond "Palm Court", Blk B, Flat 1, Triq it-Torri, Xlendi, Ghawdex skond kopja tas-service agreement anness Dok A;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 1998, t-taxxa ETS fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjlai kontra l-konvenut, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-kapitolu tas-subizzjoni pprezentat fil-konfront tal-konvenut liema kapitoli gew approvati fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2000. L-istess konvenut naqas li jattendi ghas-seduta tal-lum.

Il-Qorti ghalhekk tqis il-kapitoli ammessi u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici Maltacom plc is-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm125.75) ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 562391 (C/N 1009003) liema servizz gie installat fil-fond "Palm Court", Blk B Flat 1,Triq it-Torri, Xlendi, Ghawdex.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittra ufficali tal-25 ta' Gunju 1998, t-taxxa ETS fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali kollha kontra l-konvenut.